MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2011

Numru 1221/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Saviour Baldacchino**
**vs**
**Christian Zahra**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Christian Zahra ta’ 37 sena, iben Louis u Giovanna nee’ Sultana mwieled nhar 14 ta’ Frar tal- 1974 gewwa Pieta’ u residenti gewwa 27 Vindor, Triq Santa Rita, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 152974M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta’ Ottubru 2011, matul il-jum gewwa Sliema, ikkommetta serq ta’ Hand-Bag tan-nisa li jiswa madwar 1000Euro, jikkontjeni 400Euro fi flus kontanti, Mobile Phone tal-marka Nokia li jiswa madwar 150Euro, u Nuccali li jiswa aktar min 250Euro, ghad-dannu ta’ Tanya Grigorova Delcheva min San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra; liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li jaccedi

232.94 Euro u bix-xorti tal-haga misruqa cioe' minn gewwa vettura tat-tip Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBP-894.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehduha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi ma jistghux jigi mibdula jew imhassra.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Novembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recediv u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279(a), 280, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija.

Stante li t-tieni(2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza li taghha huwa instab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------